**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum, 5 ta' Lulju, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**-vs-**

**Joseph Grech detentur tal-**
**Karta tal-Identita` numru 480655M**

Kumpilazzjoni Nru. 436/2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat Joseph Grech talli: -

1. Fl-1 t'April, 2015, gewwa l-fond 85, Triq il-Gdida, Paola, ghall-habta tat-8.15pm u 8.30pm, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu cjar, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' George Grech, ta' natura gravi jew gibilha disordni f'mohha, kif ccertifikat minn Dr I. Psaila (Reg. No. 3395) tal-Paola Health Centre u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, 216 u 222 tal-Kodici Kriminali;

2. Talli fl-istess lok, hin, data u cirkostanzi, minghajr ma jidrob jew issawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra n-nies u dan bi ksur tal-Artikolu 339(b) tal-Kodici Kriminali;

3. Talli fl-istess lok, hin, data u cirkostanzi, waddab, ġebel jew ħwejjeġ oħra iebsin għall-istħa, bjut, twieqi, bibien, btieħi, fanali, ħitan tad-djar ta' ħaddieħor, jew ta' bini ieħor; jew iħabbat bibien, jew iċempel qniepen tad-djar jew ta' bini ieħor ta'ħaddieħor u dan bi ksur tal-artikolu 339(c) tal-Kodici Kriminali.

   Il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat Joseph Grech bhala li sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa ngahta zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li mhiex xi wahda allarmanti.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 215, 216, 222(1)(a), 339(b), 339(c) tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' sena prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi sospiza ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**